MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Avviz Numru. 336/2013

Francis **Ciarlo’**

**(ID 309957M)**

**vs**

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tar-rikorrent Francis Ciarlo’ ippresentat fl-24 ta’ Ottubru 2013 a tenur ta’ l-artikolu 466 (2) tal- Kap 12 fejn huwa stqarr illi huwa kien qieghed jaghmel tali azzjoni wara illi kien gie notifikat fl-14 ta’ Ottubtu 2013 b’ittra ufficjali datata 8 ta’ Ottubru 2013 fejn l-intimat kien qieghed jitlob il-hlas ta’ erbat elet, mitejn u tnejn u sebghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€4,272.72) rappreentanti bilanc minn somma akbar rappresentanti taxxa fuq dokumenti u ttrasferimenti u/jew taxxa addizzjonali jew imbgha skond l-Avviz ta’ Talba ghall-Hlas.

Ir-rikorrent sahaq illi meta kien ircieva ittra minghand l-intimat fit 13 ta’ Marzu 2012, huwa minnufih mar id-Dipartiment ikellem lill xi ufficjal u hemm hallas is-somma ta’ mitejn hamsa u tletin Euro (€235) u kien gie assikurat illi b’hekk il-kwistjoni kienet maghluqa u ma kelllux bzonn jaghmel oggezzjoni ghal dak mitlub originalment.

Kien ghalhekk illi huwa kien qieghed jikkontesta l-Ittra Ufficjali mibghuta lilhu fit 8 ta’ Ottubru 2013 u ghalhekk kien qieghed jitlob lill-Qorti sabiex, a tenur ta’ l-Artikolu 466 (2) tal-Kap 12, tiddikjara it-talba tad-Direttur Generali tat-Taxxi Interni bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u, fin-nuqqas ta’ tali dikjarazzjoni, ghandha qieghdu fl-istat li kien qabel il-hrug ta’ l-Avviz ta’ Likiwdazzjoni tat-Taxxa datata 13 ta’ Marzu 2012 sabiex ikollu l-fakolta u l-opportunita’ illi jimxi skond dak li trid il-Ligi.

Rat l-eccezzjonijiet mressqa mill-intimat Direttur Generali (Taxxi Interni) datata 26 ta’ Novembru 2013 fejn qajjmu zewgt eccezzjonijiet preliminari, li dwarhom il-Qorti illum ser taghti d-decizjoni taghha.

Fl-ewwel lok, l-intimat eccepixxa illi l-procedura tal-azzjoni kienet irrita u nulla in vista tal-fatt li r-rikors gie intavolat a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12, liema artikolu ma huwiex applikabbli fic-cirkostani odjerni peress illi l-ittra ufficjali ezekuttiva harget abbazi ta' *lex specialis*, ossija Artikolu 60A tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap 364).

Fit-tieni lok, din il-Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissinda l-quantum tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rappresentanti taxxa u taxxa adizzjonali kif qieghed jippretendi r-rikorrent, liema sindakar jista jsir biss a *tempo debito* skond il-procedura stipulata fil-Kap 364, u cioe tramite oggezzjoni ai termini tal-Artikolu 56 tal-imsemmi Att, apell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fi zmien tletin (30) gurnata minn-notifika ta' Avviz ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni skond l-Artikolu 58 tal-Kap 364 u appell quddiem il-Qorti tal-Appell ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap 364.

Rat id-dokumentazzjoni ippresentata mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur u mill-intimat, fir-risposta tieghu.

Rat illi fit 2 ta' Dicembru 2013 il-Qorti ordnat illi jitressqu l-provi kollha relatati ma' l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-intimati.

Semghet ix-xhieda ta' **Alexander Frendo**, Assistant Principal fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, moghtija fit 3 ta' Frar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Francis Ciarlo'** moghtija fis 17 ta' Marzu 2014 flimkien ma' kopja ta' cheque fl-import ta' €235 imhallas minnu lill-intimat fis 26 ta' Marzu 2013.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet dwar iz-zewgt eccezzjonijiet preliminari intavolati mill-intimat fis-seduta tas 17 ta' Marzu 2014, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel zewgt eccezzjonijiet preliminari.

**Ikkunsidrat**

Qabel ma l-Qorti tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimat, ikun opportun illi l-fatti tal-kaz jigu spjegati, in konciz, ghall-kompletezza tal-proceduri odjerni.

Jirrizulta illi fit 8 ta' Marzu 2011 ir-rikorrent xtara flat gewwa il-Belt Valletta bil-prezz ta' €103,000, liema bejgh id-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien infurmat bih fit 22 ta' Marzu 2011. Id-Dipartiment, da parte tieghu, sahaq illi l-Perit taghhom ivvaluta l-fond fil-valur ta' €150,000.

Fid-9 ta' Jannar 2012 hareg Avviz ta' Likwidazzjoni lill-intimat ghad-differenza tat-taxxa, li kienet tammonta ghall €2,350 bhala taxxa flimkien ma' €2,350 bhala taxxa addizzjonali li kienet ridotta ghal €235 ghall-ewwel disghin jum wara id-data ta' l-ittra u tizdied a skaletta sakemm tkun dovuta fl-interjita taghha hekk kif tghaddi sena, u dina giet notifikata lir-rikorrent permezz ta' posta registrata fit 12 ta' Jannar 2012.

Fit 13 ta' Marzu 2012, wara illi ma kienet dahhlet ebda oggezzjoni, l-intimat baghat ittra sabiex tfakkar lir-rikorrent li kellu jsir il-hlas minnhom miltub u, fit 30 ta' Marzu 2012, sar hlas ta' €235 da parte tar-rikorrent lill-intimat.

Ebda hlas iehor ma sar u ghalhekk, fit 19 ta' Frar 2013, l-intimat hareg Avviz ta' Talba ghal-Hlas ai termini ta' l-Artikolu 60A tal- Kap 364.

Fit 2 ta' Marzu 2013 ir-rikorrent, tramite in-Nutar tieghu, offra li jhallas ghas-saldu is-somma ta' €2,820, liema ittra kienet imwiegba permezz ta' ittra ta' l-intimat datata 24 ta' Mejju 2013 fejn insista illi l-ammont intjier kien dovut.

Eventwalment, fit 8 ta' Ottubru 2013, giet ippresentata Ittra Ufficjali, meritu tal-kawza odjerna, fejn ir-rikorrent gie miltub ihallas is-somma ta' €4,272.72 a tenur ta' titolu ezekuttiv ottjenu ai termini ta' l-Artikolu 60A tal-Kap 364, ossija l-Avviz ta' Talba ghall-Hlas.

Ir-rikorrent, da parte tieghu, fix-xhieda tieghu, sahaq illi l-ewwel darba li huwa rcieva Ittra minghand l-intimat kien fit 13 ta' Marzu 2012, wara liema data huwa mar fid-Dipartiment u kellem ufficjal, li ma kienx jaf min hu, liema ufficjal kien infurmah li f'kaz li jhallas is-somma ta' €235, li kienet it-taxxa addizzjonali, il-kwistjoni kollha kienet tigi rizolta hemm. Kien ghalhekk illi huwa, fis-26 ta' Marzu 2012 baghat cheque lill-intimat li wasal ghandu fit 30 ta' Marzu 2012, fl-import ta' €235, taht l-impressjoni illi l-kwistjoni kienet ser tieqaf hemm. Ir-rikorrent sahaq li, ghalhekk, kien sorpriz bit-talba li saritlu fit 19 ta' Frar 2013 u, kien kiteb lill-intimat fit 2 ta' Marzu 2013 tramite in-NUtar tieghu fejn esprima tali sorpriza filwaqt illi offa li jhallas is-somma ta' €2,820 ghas-saldu ta' kollox.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel eccezzjoni imressqa mill-intimat, ossija illi l-proceduri odjerni huma irrita u nulla peress illi l-itrra ufficjali inharget abbazi ta' lex specialis, ghalkemm hija konnessa intrinsikament mat-tieni eccezzjoni, hija wahda li jisthoqq illi tigi kkunsidrata ftit aktar fil-profond.

L-artikolu illi abbazi tieghu ir-rikorrent nieda l-proceduri odjerna hija l-Artikolu 466 tal-Kap 12 illi ti pprovdi dan li gej:

> *466. (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil- liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:*
>
> .....

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l- istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.*

Jidher ghalhekk illi l-procedura kkontemplata fl-Artikolu 466 (2) tal-Kap 12 hija relatata ma kull titolu ezekuttiv li jkun gie ottenut a tenur ta' l-Artikolu 466 (1).

Mill-banda l-ohra, d-dettamt tal-Ligi illi abbazi tieghu l-intimat qieghed jiddikara illi l-azzjoni odjerna hija irrita u nulla tipprovdi dan li gej:

*60. Meta ma tkun saret ebda oġġezzjoni jew appell validu kontra likwidazzjoni, jew meta l-ammont tat-taxxa jkun ġie miftiehem skont l-artikolu 56(2), jew meta l-ammont ta' taxxa u taxxa addizzjonali jitħallas skont l-artikolu 52 tal-Att, għar-rigward dik it-taxxa u t-taxxa addizzjonali hekk imħallsa, jew meta appell ikun ġie irtirat jew ċedut, jew meta l-ammont tat-taxxa li għandha titħallas ikun ġie stabbilit wara oġġezzjoni jew appell, il- likwidazzjoni kif magħmula jew miftiehma jew kif stabbilita wara oġġezzjoni jew appell, skont il-każ, tkun finali u konklużiva għall- finijiet kollha ta' dan l-Att:*

.....

*60A. (1) Likwidazzjoni li tkun finali u konklużiva skont l- artikolu 60 hija titolu eżekuttiv fi ħdan it-tifsira u għall-finijiet tat- Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Jekk taxxa u, jew taxxa addizzjonali u, jew imgħax ma titħallasx kif preskritt f'dan l-Att, il-Kummissarju għandu jinnotifika nota ta' talba lill-persuna responsabbli għall-ħlas, u jekk ma jsirx il-ħlas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dik in-nota ta' talba, il-Kummissarju jista' jinforza l-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1), wara jumejn min-notifika ta' intimazzjoni għall-ħlas magħmula permezz ta' att ġudizzjarju.*

Jidher car illi l-Legislatur, meta zied l-Artikolu 60A fil-Kap 364 permezz ta'l-Att Nru IV tas-sena 2011, ried jiddistingwi it-titolu ezekuttiv li kellu l-intimat Direttur Generali tat-Taxxi Interni mit-titolu ezekuttiv illi kull "*kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizza"* tant illi l-Artikolu 60A jindika illi l-likwidazzjoni finali kelllha l-istess tifsira ta' titolu ezekuttiv kif pprovdut fl-Artikolu 253 et seq tal-Kap 12 u ma ssir ebda referenza ghall-proceduri pprovduti taht is-subtitolu VI intitolat 'Fuq il-Kawzi tal-Gvern'.

Jidher car illi tali provvediment kien intiz sabiex il-proceduri mehduha mid-Direttur Generali tat-Taxxi Interni ma jkunux soggetti ghall-iskrutinju w l-proceduri ikkontemplati fl-Artikolu 466 (2) tal-Kap 12.

Dana huwa anke rilfess fil-fatt illi, filwaqt illi ghat-titoli ezekuttivi ottjenuti a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12, dawna jitqiesu bhala titolu ezekuttiv wara li jghaddu ghoxrin gurnata minn meta tkun giet notifikata l-Ittra Ufficjali, fil-kaz tat-titoli ezekuttivi ottjenuti a tenur ta' l-Artikolu 60A tal-Kap 364, dawna jitqiesu bhala titolu esekuttiv wara illi jghaddu hmistax-il gurnata minn meta tkun giet notifikata in-Nota ta' Talba ghall-Hlas.

Il-Qorti tinnota izda, illi filwaqt li titoli ottjenuti a tenur tal-Artikolu 466 huma soggetti ghall-iskrutinju tal-Qorti, it-titolu ottjenuti a tenur tal-Artikolu 60 ma humiex, u dana huwa dovut ghal fatt illi, qabel ma tkun intbghatet in-Nota ta' Talba ghall-Hlas, il-likwidazzjoni tkun soggetta ghal iskrutinju tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, liema skrutinju tista ssir fi zmien tletin gurnata mill-hrug ta' l-Avviz ta' Likwidazzjoni fuq talba tal-parti li qed tintalab thallas, ossija ir-rikorrent fil-kaz odjern.

Ghalhekk, jidher car illi l-proceduri kkontemplati fl-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta gew espressament eskluzi fil-kaz ta' hlasijiet rikjesti abbazi tal-Artt dwr it-Taxxa fuq okumenti u Trasferimenti, u ghalhekk, il-proceduri odjerni ma humiex proponibbli peress illi l-Ittra Ufficjali datata inharget a tenur ta' l-Artikolu 60A tal-Kap 364

**Ikkunsidrat**

It-tieni eccezzjoni mressqa mill-intimat tishaq illi dina l-Qorti ma hijiex vestita bil-kompetenza biex tissindika l-likwidazzjoni finali peress illi dina kellha ssir tramite appell quddiem it-Tribunal ta' Revzjoni Amministrattiva.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza '**Lawrence Borg vs Kummissarju tat-Taxxi Interni**', deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Gunju 2011, fejn intqal illi:

> ' *.... jidher biċ-ċar li r-rikorrent ma ezawriex ir- rimedji lilu spettanti mil-liġi sabiex jikkontesta l-kont tal- intimat li fil-fehma tiegħu kien arbitrarju. Dan mhux il- forum idoneju u semmai r-rikorrenti messu ppreżenta appell, ħaġa li m'għamilx, u għalhekk din il-Qorti tiddikjara li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi rifjutata, filwaqt li tilqa' l- eċċezzjonijiet tal-intimat.*'

Jidher car mill-provi prodotti illi l-intimat hareg Avviz ta' Likwidazzjoni fit 9 ta' Jannar 2012, liema ittra giet notifikata fit 12 ta' Jannar 2012 permezz ta' posta registrata fl-indirizz fejn ir-rikorrent ikkonferma illi huwa kien gia qieghed jirrisjedi u ma dahal ebda appell fit-terminu ta' tletin gurnata pprovdut lir-rikorrent.

Ghalhekk, ir-rimedju ikkontemplat fil-Ligi moghti lir-rikorrent ma giex minnu utilizzat.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda.

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi billi

**Tilqa** iz-zewgt eccezzjonijet preliminari ta' l-intimat u ghalhekk

**Tichad** it-talba attrici kif dedotta

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------